Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,354, 3 ta' Diċembru, 2024
Taqsima B

A.L. 329 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Enerġija Sostenibbli

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut għall-Enerġija Sostenibbli bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 5(b)(v) tal-Istatut għall-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Enerġija Sostenibbli.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istitut għall-Enerġija Sostenibbli;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.;

"l-Istitut" tfisser tal-Istitut għall-Enerġija Sostenibbli; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Frar 2025 'il quddiem.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) L-applikanti għall-Grad offrut mill-Istitut għandhom ikollhom wieħed minn dawn il-gradi li ġejjin, miksub fl-aħħar għaxar snin qabel ir-reġistrazzjoni:

(a) grad ta' Master f'qasam ta' studju relatat mal-qasam tar-riċerka propost; jew

(b) grad ta' Bachelor miksub għall-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri (ta' Fuq) f'qasam ta' studju relatat mal-qasam tar-riċerka propost; jew

(ċ) kwalifiki li l-Bord iqis komparabbli mal-gradi indikati fil-paragrafi (a) u (b) ta' dan l-ordinament.

(2) L-applikanti li għandhom wieħed mill-gradi indikati fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament miksub aktar minn għaxar snin qabel ir-reġistrazzjoni tagħhom jistgħu japplikaw u jkunu meħtieġa jipproduċu prova suffiċjenti tal-kompetenza tagħhom biex iwettqu r-riċerka fil-livell meħtieġ.

4. L-applikanti jistgħu wkoll jintalbu juru l-kompetenza tagħhom f'dawk il-ħiliet meħtieġa min-natura tar-riċerka proposta.

Il-Kumitat tal-Istitut għad-Dottorat

5. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat li jinħatar Kumitat tal-Istitut għad-Dottorat li jkun magħmul kif ġej:

(a) il-President tal-Istitut jew delegat (President)

(b) tliet membri akkademiċi li għandhom kwalifiki akkademiċi fil-livell ta' dottorat.

It-Taqsimiet-Studju Mgħallma

6. Meta l-Bord iqis li hu meħtieġ, jista' jitlob li l-istudenti jtemmu b'suċċess għadd ta' taqsimiet-studju waqt il-kors tal-istudji tagħhom u/jew li jtemmu b'mod sodisfaċenti xogħlijiet irrakkomandati mill-Bord, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huwa jista' jimponi, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

Il-Preżentazzjoni u l-Format tat-Teżi

7. Il-Bord għandu japprova u jippubblika linji gwida dwar il-format u l-preżentazzjoni tat-teżi għall-Grad.

It-Tħassir

8. L-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Enerġija Sostenibbli, ippubblikati bħala Avviż Legali 399 tal-2012, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Frar 2025.